MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2007

Numru. 250/2006

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH CORDINA
VS
JOHN CUSCHIERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat John Cuschieri, ta’ 49 sena, bin Oscar u Yvonne nee’ Stagno Navarra, imwieled Sliema nhar id-9 ta’ Jannar 1957, u residenti fl-indirizz Suomi Farm, Tax-Xwieki, limiti tal-Gharghur, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 55957(M), u akkuzat talli fit-22 ta’ Frar 2006, u fiz-zmenijiet ta’ qabel, f’Paola u f’postijiet ohra f’dawn il-Gzejjer, approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn bank tal-friza li jiswa’ aktar minn hames mitt Lira Maltin (Lm500), izda mhux iktar minn elf Lira Maltin (Lm1000), li gie fdat jew ikkunsinnat lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir

uzu minnu specifikat, jew minhabba kummerc jew depozitu necessarju.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 7) u tal-imputat (a fol 6) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

L-Ufficjal Prosekutur, a fol 8 et seq, ircieva rapport minghand Gaetano D'Angelo li nfurmah illi fil-kors tan-negozju bejnu u l-imputat, huwa kien irrikorra debitu ma' l-imputat ta' madwar elfejn Lira Maltin (Lm2000). D'Angelo nforma lill-Pulizija illi huwa kien ikkonsenja 'freezer counter' lill-imputat sabiex dan ibieghhulu, u r-rekavat jinqata' mid-dejn. D'Angelo nforma lill-Pulizija illi in segwitu ta' kawza civili, huwa kien hallas id-debitu kollu li kellu ma' l-imputat, izda l-bank tal-friza qatt ma gie ritornat lilu.

Spettur Cordina xehed illi waqt l-istqarrija, l-imputat ikkonferma li D'Angelo kien hallielu 'freezer counter' tieghu Rahal Gdid, sabiex huwa jbieghhulu, li hadd ma kien interessat li jixtrih, li l-'freezer counter' kien 'second hand' pero' kien jahdem u li wara hafna snin, il-bank gie remoss x'aktarx f'wiehed mill-imhazen tieghu u li fi zmien li rrilaxxa l-istqarrija l-imputat ma kienx jaf fejn kien. **Mitlub jghid jekk jafx bil-kontenut tas-sentenza civili, l-Ufficjal Prosekutur irrisponda fin-negattiv.**

Fix-xhieda tieghu, D'Angelo kkonferma illi fil-kors tan-negozju huwa kien akkumula xi elfejn Lira Maltin (Lm2000) dejn ma' l-imputat, u ma setax ihallas. Illi ghalhekk, D'Angelo ta lill-imputat mitejn Lira Maltin (Lm200), bank 'freezer' u bank iehor sabiex l-imputat ibieghhom u r-rekavat jinqata' mid-dejn.

Illi dan il-‘counter’ baqa’ bla bejgh u wara tlett snin, l-imputat talab lil D’Angelo jiehu lura l-‘counters’ u li D’Angelo jhallas id-dejn tieghu.

D’Angelo xehed **illi huwa ma setax imur jigbor il-‘counter’ ghaliex ma kellux flus kontanti biex ihallas il-kumplament tad-dejn, u ad ogni modo, D’Angelo ma riedx jiehu l-‘counter’ lura ‘‘perche dopo tre anni, il ‘counter’ Dio sa come e’ ridotto’’**. (ara fol 15).

D’Angelo kkonferma li tilef il-kawza civili, u kellu jhallas l-ammont totali u ghalhekk kien qed jippretendi lura l-‘freezer counter’. Mitlub jghid kemm tiswa’ il-‘freezer’, D’Angelo fix-xhieda tieghu isemmi tlett mija u hamsin Lira Maltin (Lm350), disa’ mitt Lira Maltin (Lm900), hames mitt Lira Maltin (Lm500), sitt mitt Lira Maltin (Lm600), seba’ mitt Lira Maltin (Lm700) (ara fol 16-19).

D’Angelo xehed illi huwa kien xtara dan il-‘freezer counter’ ghal ‘l fuq minn elf Lira Maltin (Lm1000) fl-1995, u kien ikkonsenjah lil Cuschieri fl-1998.

L-imputat xehed illi l-kwerelant D’Angelo kien akkumula xi dejn fil-kors tan-negozju u li kien waqa’ lura fil-pagamenti, u kien informa lill-imputat li kellu ‘fridge’ u xtaq li l-imputat ibieghhulu u mir-rekavat jinqata’ parti mid-dejn. Illi hadd ma kellu nteress jixtriha, u wara xi zmien, **l-imputat talbu diversi drabi biex jigi jigbor il-‘fridge’ izda dan qatt ma sehh**. Illi eventwalment, saret il-kawza civili fl-2002, u din intrebhet mill-imputat fl-2002, u l-kwerelant hallas fl-2004.

Qabel ma bdiet il-kawza, kif ukoll fil-mori taghha u wara li ntemmet, l-imputat talab inutilment lil D’Angelo jigbor il-‘freezer counter’. Gara illi kien ceda s-saqaf ta’ wiehed mill-imhazen ta’ l-imputat fil-Marsa u kien iggarraf il-kontenut ta’ go fih. Il-‘fridge’ seta’ kien hemm. L-imputat innega illi qatt biegh dan il-‘fridge’. Mistoqsi, l-imputat xehed illi l-kwerelant D’Angelo qatt ma baghat lil terzi biex jaghtu ‘service’ lill-‘fridge’, jew jqabbduha, waqt li kienet ghandu konsenjata.

Giet esebita s-sentenza tas-7 ta’ Marzu 2003.

Ikkunsidrat:-

L-imputat jinstab akkuzat b'misapproprijazzjoni in debitu ai termini ta' l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn jipprovdu:

*Art 293: 'Kull min japproprija ruhu billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar.*
*Izda ebda procediment kriminali ma jista' jinbeda ghal dan id-delitt, hlief bi kwerela tal-parti.'*

*Art 294: 'Madanakollu, meta d-delitt imsemmi fl-ahhar artikolu qabel dan jigi maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lill-hati minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn.'*

Illi fil-kaz in ezami, jonqos addirittura l-element ta' profitt li huwa essenzjali biex jiskatta r-reat. Il-kwerelant, wisq anqas l-Ufficjal Prosekutur, ma rnexxielhomx jippruvaw illi l-imputat biegh dan il-'fridge' lil terzi, jew li wzah ghalih personalment, jew tah lil xi persuni ohra u b'hekk ghamel xi profitt minnha.

Illi di piu', l-obbligu tar-radd tal-haga fil-kaz in ezami, (fejn l-imputat kien qed jipprova jghin lill-kwerelant ibiegh il-'freezer counter'), **huwa mifdi mat-talba ta' l-imputat lill-kwerelant biex jigbor l-istess 'counter'**.

**L-istess kwerelant jammetti li l-imputat talbu jaghmel dan anke qabel ma nfethet il-kawza civili,** waqt li l-imputat isostni li talbu diversi drabi biex jaghmel dan.

Illi di piu', il-mertu gie ventilat f'kawza civili li kkonfermat li l-konsenja tal-'counter' ma kienx datio in solutum izda bil-

patt li jbiegh u r-rekavat jitnaqqas mid-dejn. Illi jsegwi ghalhekk li r-riskju tal-'counter' baqa' ghand il-kwerelant. (ara sentenza Dok JCZ a fol 2).

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati ta' l-akkuzi kif dedotti u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------